Nru./No. 20,853
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Is-Sibt, 7 ta' Mejju, 2022
Saturday, 7th May, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 7993
Government Notices *7993*

Avviżi tal-Pulizija ..... 7993 - 7995
Police Notices ..... *7993 - 7995*

Avviżi tal-Qorti ..... 7995 - 7796
Court Notices ..... *7995 - 7796*

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 499

AĠENZIJA DWAR L-ENERĠIJA U L-ILMA

Skema għas-Sostenn tal-Effiċjenza fl-Enerġija u fl-Ilma fi ħdan Organizzazzjonijiet Volontarji

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 468 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,850 tat-3 ta' Mejju 2022, ngħarrfu illi f'Sezzjoni 1, fl-interprtazzjoni ta' 'Bini' is-sentenza:

"c) Miżmuma mill-Applikant taħt titolu ta' kirja jew enfitewsi soġġetta għal terminu ta' kirja pendenti ta' mill-inqas għaxar (10) snin wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni;"

hija sostitwita bi:

"c) Miżmuma mill-Applikant taħt titolu ta' kirja jew enfitewsi, jew arranġament legali ieħor soġġetta għal terminu ta' kirja pendenti ta' mill-inqas għaxar (10) snin wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni. Fil-każ ta' arranġamenti legali oħra huwa meħtieġ li tiġi sottomessa dikjarazzjoni tal-propjetarju tal-bini li tikkonferma dan;"

u taħt sezzjoni 5, irid jiżdied il-paragrafu:

"5. Dikjarazzjoni għall-użu tal-bini mill-propjetarju, meta dan qed jiġi użat mill-Organizzazzjoni Volontarja taħt arrangamenti legali oħra, skont l-interpretazzjoni ta' Bini f'Sezzjoni 1 hawn fuq."

Is-7 ta' Mejju, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 64

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħaż-Żebbuġ

Nhar il-Ħamis, 12 ta' Mejju, 2022 mis-6.00 p.m. sa nofsillejl minn Misraħ San Filippu, Triq Sciortino, Triq il-Kbira, Triq tal-Grazzja, Triq Ġeraldu Farrugia, Triq il-Miżħna, Triq Luret Vella u Triq l-Isqof.

GOVERNMENT NOTICE

No. 499

ENERGY AND WATER AGENCY

Scheme to Sustain Energy and Water Efficiency within Voluntary Organisations

WITH reference to Government Notice No. 468 published in the Government Gazette No. 20,850 of the 3rd May, 2022, it is notified that in Section 1, the interpretation of 'Premises', the sentence:

"c) Held by the Applicant under a title of lease or emphyteusis subject to an outstanding lease term of at least ten (10) years following the submission of the application;"

is replaced with:

"c) Held by the Applicant under a title of lease or emphyteusis, or any other arrangement subject to an outstanding term of at least ten (10) years following the submission of the application. In the case of any other legal arrangement, it is required to provide a declaration of the owner of the premises to this effect;"

and under Section 5, the following paragraph is to be added:

"5. Declaration for use of premises by the owner, when this is being used by the Voluntary Organisation under any other legal arrangement as per interpretation of Premises in Section 1 above."

7th May, 2022

POLICE NOTICE

No. 64

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żebbuġ

On Thursday, 12th May, 2022 from 6.00 p.m. till midnight through Misraħ San Filippu, Triq Sciortino, Triq il-Kbira, Triq tal-Grazzja, Triq Ġeraldu Farrugia, Triq il-Miżħna, Triq Luret Vella and Triq l-Isqof.

Nhar il-Ħamis, 2 ta' Ġunju, 2022 mis-6.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq San Ġużepp, Triq tal-Anġli u Triq il-Kbira.

Nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Ġunju, 2022 mis-6.00 p.m. sas-1.00 a.m. minn Triq Sciortino.

Nhar is-Sibt, 4 ta' Ġunju, 2022 mis-1.00 p.m. sas-1.00 a.m. minn Triq Sciortino.

Nhar il-Ħadd, 5 ta' Ġunju, 2022 mis-7.00 p.m. sal-11.00 p.m. minn Misraħ San Filippu u Triq Sciortino.

Nhar it-Tnejn, 6 ta' Ġunju, 2022 mis-6.30 p.m. sa nofsillejl minn Triq Sciortino, Triq Luret Callus, Triq l-Isqof, Triq il-Kbira u Misraħ San Filippu.

Nhar it-Tlieta, 7 ta' Ġunju, 2022 mis-6.30 p.m. sa nofsillejl minn Misraħ San Filippu, Triq Sciortino, Triq Paris, Triq l-Infetti, Vjal il-Ħelsien, Triq Agira, Triq Lazzru Pisani, Triq Frans Sammut, Triq Dun Mikiel Xerri u Triq il Kbira.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Nhar l-Erbgħa, 8 ta' Ġunju, 2022 mit-7.45 p.m. sas-1.00 a.m. minn Misraħ San Filippu, Triq il-Parroċċa, Triq l-Anġli, Triq Vilhena, Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Kbira u Triq Sciortino

Nhar il-Ħamis, 9 ta' Ġunju, 2022 mis-6.45 p.m. sa nofsillejl minn Triq Sciortino, Triq Luret Vella, Triq l-Isqof, Triq il-Knisja, Triq il-Parroċċa, Triq Tad-Dawl, Triq Vassalli, Triq San Ġużepp, Triq tal-Angli, Triq il-Kbira u Misraħ San Filippu.

Nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Ġunju, 2022 mis-6.00 a.m. sas-6.00 a.m. tas-Sibt, 11 ta' Ġunju, 2022 minn Misraħ San Filippu u Triq Sciortino.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Nhar is-Sibt, 11 ta' Ġunju, 2022 mis-6.00 p.m. sas-1.00 a.m. minn Misraħ San Filippu, Triq l-Isqof, Triq il-Kbira, Triq Mijju Zarb, Vjal il-Ħelsien, Triq Sciortino, Triq Luret Vella, Triq l-Isqof, Triq Campis, Triq De Rohan, Triq Giovanni Pullicino, Triq tal-Grazzja u Triq Sciortino.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Nhar il-Ħadd, 12 ta' Ġunju, 2022 mis-7.30 a.m. sal-4.00 p.m. minn Misraħ San Filippu, Triq l-Isqof, Triq il-Kbira, Triq Santu Rokku, Triq Mamo, Triq Ħal Mula, Triq il-Knisja, Triq l-Anġli, Triq Vilhena, Triq Sidtna tal-Anġli, Triq Sciortino, Triq Milanesi, Misraħ Muxi, Triq Santa Marija, Triq l-Għasfura, Triq Tumas Dingli, Triq Paris, Triq l-Infetti, Triq Lazzru Pisani, Triq Agira u Vjal il-Ħelsien. Mill-5.00 p.m. sas-1.00 a.m. minn

On Thursday, 2nd June, 2022 from 6.00 p.m. till midnight through Triq San Ġużepp, Triq tal-Anġli and Triq il-Kbira.

On Friday, 3rd June, 2022 from 6.00 p.m. till 1.00 a.m. through Triq Sciortino.

On Saturday, 4th June, 2022 from 1.00 p.m. till 1.00 a.m. through Triq Sciortino.

On Sunday, 5th June, 2022 from 7.00 p.m. till 11.00 p.m. through Misraħ San Filippu and Triq Sciortino.

On Monday, 6th June, 2022 from 6.30 p.m. till midnight through Triq Sciortino, Triq Luret Callus, Triq l-Isqof, Triq il-Kbira and Misraħ San Filippu.

On Tuesday, 7th June, 2022 from 6.30 p.m. till midnight through Misraħ San Filippu, Triq Sciortino, Triq Paris, Triq l-Infetti, Vjal il-Ħelsien, Triq Agira, Triq Lazzru Pisani, Triq Frans Sammut, Triq Dun Mikiel Xerri and Triq il Kbira.

Public transport will be effected

On Wednesday, 8th June, 2022 from 7.45 p.m. till 1.00 a.m. through Misraħ San Filippu, Triq il-Parroċċa, Triq l-Anġli, Triq Vilhena, Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Kbira and Triq Sciortino

On Thursday, 9th June, 2022 from 6.45 p.m. till midnight through Triq Sciortino, Triq Luret Vella, Triq l-Isqof, Triq il-Knisja, Triq il-Parroċċa, Triq Tad-Dawl, Triq Vassalli, Triq San Ġużepp, Triq tal-Angli, Triq il-Kbira and Misraħ San Filippu.

On Friday, 10th June, 2022 from 6.00 a.m. till 6.00 a.m. of Saturday 11th June, 2022 through Misraħ San Filippu and Triq Sciortino.

Public transport will be effected

On Saturday, 11th June, 2022 from 6.00 p.m. till 1.00 a.m. through Misraħ San Filippu, Triq l-Isqof, Triq il-Kbira, Triq Mijju Zarb, Vjal il-Ħelsien, Triq Sciortino, Triq Luret Vella, Triq Campis, Triq De Rohan, Triq Giovanni Pullicino, Triq tal-Grazzja and Triq Sciortino.

Public transport will be effected

On Sunday, 12th June, 2022 from 7.30 a.m. till 4.00 p.m. through Misraħ San Filippu, Triq l-Isqof, Triq il-Kbira, Triq Santu Rokku, Triq Mamo, Triq Ħal Mula, Triq il-Knisja, Triq l-Anġli, Triq Vilhena, Triq Sidtna tal-Anġli, Triq Sciortino, Triq Milanesi, Misraħ Muxi, Triq Santa Marija, Triq l-Għasfura, Triq Tumas Dingli, Triq Paris, Triq l-Infetti, Triq Lazzru Pisani, Triq Agira and Vjal il-Ħelsien. From 5.00 p.m. till 1.00 a.m.

Misraħ San Filippu, Triq il-Kbira, Triq Sciortino, Triq Luret Vella, Triq Campis u Triq l-Isqof.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju, 2022 mill-4.00 p.m. sas-1.00 a.m. minn Triq Sciortino.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-7 ta' Mejju, 2022

through Misraħ San Filippu, Triq il-Kbira, Triq Sciortino, Triq Luret Vella, Triq Campis and Triq l-Isqof.

Public transport will be effected

On Tuesday, 14th June, 2022 from 4.00 p.m. till 1.00 a.m. through Triq Sciortino.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

7th May, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

761

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla, Sede Kostituzzjoni, fil-14 ta' Lulju, 2021, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali Nru 420/2021NC, li ġie ppreżentat fil-15 ta' Ġunju, 2021, fl-ismijiet Bonavia Emanuel Vs Avukat tal-Istat Et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et Seq. tal-Kap 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Liġi, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament. Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-lintimati minn issa għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmi hawn fuq huwa differit għas-smiegħ nhar 10 ta' Mejju, 2022 fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Micallef Joseph. 58, Lily, Triq Melita, Sliema.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 5 ta' Mejju 2022.

CARMEL ABELA. M.SC. IN MANAGEMENT. D.P.A; DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order of the Civil Court, First Chamber, Constitutional Court, on 14th July, 2021, in the acts of Constitutional Application No 420 / 2021NC, which was filed on 15th June, 2021, in the names Bonavia Emanuel Vs State Attorney Et, ordered the following publication, pursuant to Article 187 (3) et seq. of Chapter 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: Order the respondent State Attorney to pay the same compensation and liquidated damages in terms of the Law, with legal interest from the date of filing the present action until the date of effective payment. With costs and injunction of the respondents from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Constitutional Application in the above names is adjourned for hearing on 10th May, 2022 at 9.00 a.m.

Service Respondent: Micallef Joseph. 58, Lily, Melita Street, Sliema.

Registry of the Superior Courts, today, 5th May, 2022.

CARMEL ABELA. M.SC. IN MANAGEMENT. D.P.A; DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

762

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Marzu, 2022, fl-atti tar-Rikors numru 13/21 fl-ismijiet Maria Pia Sammut (KI 93990M) vs Brian Sammut (KI 515889M) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-imsemmi Brian Sammut a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Illi permezz ta' rikors datat 20 ta' Ottubru, 2021, ir-rikorrenti talbet notifika tal-intimat Brian Sammut bir-rikors

By order of the Court of Appeal of 7th March, 2022, in the records of Application number 13/21 in the names Maria Pia Sammut (ID 93990M) vs Brian Sammut (ID 515889M), the following publication was ordered to serve as a notification of the said Brian Sammut in terms of Article 18 (3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas by means of an application dated 20th October, 2021, the applicant requested the notification of the

kontenenti korrezzjoni fl-isem u l-kunjom tagħha, liema rikors ma ġiex innotifikat filwaqt li permezz ta' Rikors, ippreżentat fil-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Maria Pia Sammut (KI 93990M) vs Brian Sammut (KI 515889M) fl-20 ta' Jannar, 2021, ir-rikorrenti esponiet bir-rispett li l-partijiet kontendenti żżewwġu nhar il-5 ta' Ġunju, 2015, fil-knisja parrokjali ta' Burmarrad;

Illi r-rikorenti eventwalment għamlet talba għal dikjarazzjoni ta' nullità taż-żwieġ bejn il-kontendenti quddiem it-Tribunal Ekkleżjastiku tal-Arċidjoċesi ta' Malta u dan abbażi ta' nuqqas serju ta' maturità affettiva u psikoloġika fiż-żwieġ u l-inabilità għall-assunzjoni tal-obbligi matrimonjali;

Illi permezz ta' sentenza mogħtija mit-Tribunal Metropolitan tal-Prima Stanza datata 30 ta' Ottubru, 2020, ġie deċiż u dikjarat illi ż-żwieġ iċċelebrat nhar il-5 ta' Ġunju, 2015, bejn il-kontendenti huwa null abbażi ta' nuqqas serju ta' maturità affettiva u psikoloġika taż-żwieġ u l-inabilità għall-assunzjoni tal-obbligi matrimonjali tal-intimat Brian Sammut;

Illi din is-sentenza ma ġietx appellata u għalhekk hija waħda finali u definittiva u dan kif jidher ukoll mid-digriet ta' Eżekuttività maħruġ mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta datat 23 ta' Diċembru, 2020;

Illi peress li l-esponenti tixtieq li din id-deċiżjoni tiġi rreġistrata u effetwata minn din l-Onorabbli Qorti u sabiex l-istess deċiżjoni tiġi rikonoxxuta għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

Għaldaqstant, u in vista tas-su espost, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha wara d-debita notifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, tordna li d-deċiżjoni tat-Tribunal Ekkleżjastiku surreferita u li permezz tagħha ż-żwieġ bejn il-partijiet Maria Pia Sammut u Brian Sammut ġie dikjarat null, tiġi rreġistrata u meqjusa wkoll bħala deċiżjoni għall-fini u l-effetti kollha tal-liġi hekk kif provdut fl-Artikoli 23 u 24 tal-Kap. 255 tal-Liġiijiet ta' Malta.

Notifika: Brian Sammut, Centre Court 1, Apartment 2, Triq il-Qasam, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 5 ta' Mejju, 2022

DR F. BONDIN LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

respondent Brian Sammut with the application containing a correction in her name and surname which application was not served while by means of an Application, filed in Court of Appeal on behalf of Maria Pia Sammut (ID 93990M) vs Brian Sammut (ID 515889M) on 20th January, 2021, the applicant respectfully stated that the contending parties were married on 5th June, 2015, in the Burmarrad parish church;

Whereas the applicant eventually applied for a declaration of nullity of the marriage between the contending parties before the Ecclesiastical Tribunal of the Archdiocese of Malta on the basis of a serious lack of emotional and psychological maturity in the marriage and the inability to assume marital obligations;

Whereas by a judgment delivered by the Metropolitan Tribunal of First Instance dated 30th October, 2020, it was decided and declared that the marriage celebrated on the 5th June, 2015, between the contending parties is void on the basis of a serious lack of emotional and psychological maturity regarding the nature of marriage and the inability to assume the marital obligations on the respondent Brian Sammut's part;

Whereas this judgment has not been appealed and is therefore a final and definitive one and this is also shown by the Executive Decree issued by the Metropolitan Tribunal of Malta dated 23rd December, 2020;

Whereas since the applicant wishes this decision to be registered and effected by this Honourable Court and for the same decision to be recognized for all the purposes and effects of the law.

Therefore, and in view of the foregoing, the applicant humbly requests this Honourable Court, after due notification of the Director of the Public Registry, to order that the decision of the Ecclesiastical Tribunal referred to above and in virtue of which the marriage between the parties Maria Pia Sammut and Brian Sammut has been declared null and void, is registered and to be also considered as a decision for all purposes and effects of Civil Law as provided for in Sections 23 and 24 of Cap. 255 of the Laws of Malta.

Notification: Brian Sammut, Center Court 1, Apartment 2, Triq il-Qasam, Swieqi

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 5th May, 2022

DR F. BONDIN LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603